MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 10/2004

**Anthony Gauci**

**vs**

**Leonard Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Jannar, 2003 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu s-somma ta` seba` mija u hamsin lira (Lm750), is-sehem tieghu ta` nofs fuq xoghol preparatorju ezegwit fuq is-sajd ghal-lampuki ghall-istagun 2003.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 17 ta` Marzu, 2004 fejn irrespinga t-talba attrici peress illi (1) l-attur dejjem thallas ghal hargiet tas-sajd li saru f'Mejju, Gunju, Lulju u Settembru 2003 u (2) l-attur ma kienx ippartecipa fix-

xoghol preparatorju ghall-istagun tal-lampuki li kien ghadu kif ghadda u kwindi kien intitolat biss ghas-sehem tieghu bhala sajjied.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur jispjega li huwa kien beda jahdem mal-konvenut bhala sajjied hekk kif spicca mill-iskola. Peress illi l-istagun tal-lampuki kien jirrikjedi hafna xoghol preparatorju, kien hemm ftehim mal-konvenut li jithallas kemm is-sehem tieghu tas-sajda u kif ukoll nofs sehem iehor ghax-xoghol preparatorju. Jikkonferma li huwa fil-fatt kien hadem xoghol preparatorju ghall-istagun tal-lampuki 2003 u jelenka f`hiex kien jikkonsisti dan it-tip ta` xoghol u liema xoghol kien gie ezegwit kollu fil-garage tal-konvenut. Meta saret is-sajda, l-attur thallas biss ghal dan ix-xoghol u l-konvenut baqa` ma tahx in-nofs sehem li haqqu ghal preparatorju ‘il ghaliex kien allega li l-attur ma kienx hadem f’dan l-istadju ta` qabel is-sajda. Huwa wasal ghal din ic-cifra ta` Lm750 peress illi s-sehem tieghu tas-sajda kienet ta` Lm1,500.

Din il-verzjoni ta` l-attur giet ikkonfermata u kkoroborata minn diversi xhieda fosthom il-genituri tieghu u anke minn sajjieda ohra partikolarment minn Nick Carabott u minn Joseph Zahra tant illi dawn it-tnejn ta` l-ahhar jikkonfermaw li raw u anke hadmu flimkien ma` l-attur fuq ix-xoghol preparatorju.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu jikkonferma li s-sajd ghal-lampuki jirrikjedi certu xoghol preparatorju u li dan kien isir fil-garage tieghu. Ikkonferma wkoll li l-attur kien jahdem mieghu nkluz ghal-lampuki. Ighid pero` li lill-bahri kien itih xi terz jew nofs sehem zejjed mis-sehem tal-konvenut skond id-diskrezzjoni tieghu u cioe` jekk kien ikun jidhirlu biss li kien haqqu aktar. Fil-fatt huwa jsostni li fil-passat it-terz jew nofs sehem li kien ta zejjed lill-attur jew lil xi bahri

iehor dan ghamlu u ghamlu minn jeddu u mhux minhabba xi obbligazzjoni. In kontro-ezami jichad li dan is-sehem zejjed kien ighaddieh ghal xoghol preparatorju.

Fuq ix-xoghol preparatorju ghal-lampuki, dan kien jiehu hsiebu iben il-konvenut jismu Frank. Jallega l-attur li ma kienx ippartecipa f’dan l-istadju peress illi x-xoghol kwazi kollu kien gie ezegwit mit-tfal tieghu Frank u Brian u certu Ganni Bartolo. Ighid ukoll li l-attur kien ta daqqa t’id biss fl-ahhar ftit meta hadem fuq il-palm u l-gebel – cioe` kontribut minimu ferm. Illi ghalhekk ghal dik is-sena huwa deherlu li l-attur ma kienx haqqu li jithallas nofs sehem zejjed, dan inghata biss lil Ganni Bartolo.

Frank Caruana, bin il-konvenut jikkonferma li s-sehem zejjed kien jinghata minn missieru minn jeddu u mhux minhabba xi ftehim. Ikkonferma wkoll li l-attur ma kienx hadem fuq il-parti l-kbira tax-xoghol preparatorju konness mas-sajd tal-lampuki. L-aktar li hadmu fuqu kien hu, huh Brian u Ganni Bartolo. L-attur hadem biss fl-ahhar fuq ix-xoghol tal-palm u l-gebel. Dan id-diskors gie ikkonfermat ukoll tramite l-affidavit ta` John Bartolo.

Illi mill-provi prodotti, it-Tribunal jinsab konvint li l-konvenut kien ihallas xi sehem zejjed ghal min jahdem fuq ix-xoghol preparatorju ghas-sajd tal-lampuki u mhux semplicement dan is-sehem zejjed ihalsu ghax hekk jidhirlu hu. Li kieku wiehed jirraguna hekk, hadd m’hu sejjer ighinu fuq tali xoghol daqstant inkrepattiv. Il-kwistjoni ghalhekk li trid tirrisolvi ruhha f’dan il-kaz huwa kemm fil-fatt kienet il-partecipazzjoni ta` l-attur f’dan ix-xoghol preparatorju. Ghandna zewg verzjonijiet fuq dan il-punt. L-attur u shabu jixhdu li l-kontribut tieghu kien kontinwu filwaqt li l-konvenut u shabu jghidu li l-kontribut ta` l-attur kien minimu. Bhal ma jigri ta` sikwit fil-hajja ta` kuljum il-verita` tkun tinsab x’imkien fin-nofs ‘il ghaliex kull naha tkun qed tigbed lejha kemm jista` jkun u t-Tribunal huwa konvint li dan huwa l-kaz fil-kwistjoni odjerna li ghandu quddiemu.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u kwindi jirrespingi l-

eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, dana pero` fis-sens kif gej u cioe` li qed jigi dikjarat li l-attur huwa ntitolat li jithallas ghal xi xoghol preparatorju li ezegwixxa ghall-istagun tal-lampuki 2003, jillikwida l-istess sehem tieghu *arbitrio buon viri* fl-ammont ta` erba` mitt lira (Lm400) u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Lm400 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza b'dan illi l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------